**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Branko Jovanovic**

**Illum 11 ta' Gunju 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Branko Jovanovic ta' erbgha u tletin (34) sena imwieled is-Serbia fit-23 ta' Awwissu 1983, iben Ljubisav u Marina neè Angelkovic u residenti "Redeemer" Triq is-Sebh, Qormi, u detentur tal-passaport Serb 7023253, talli nhar id-9 ta Gunju 2018 u fil-granet u/jew xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' I-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti 4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament

emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, l-Qorti tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti esebiti;

Rat ukoll it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija l-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id- dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioè: (i) Fotokopja tal-passaport ta' l-imputat mahrug mill-Awtoritajiet Serbi - Dok. "A"; (ii) il-fedina penali ta' l-imputat - Dok. "B"; (iii) rapport tal-Pulizija dwar dan il-kaz - Dok. "C"; (iv) dikjarazzjoni ta' l-imputat li qed jirrinuzja ghad-dritt tal-parir legali - Dok. "D"; (v) stqarrija ta' l-imputat -Dok. "E"; (vi) il-kunsens ta' l-Avukat Generali a tenur ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta – Dok. "F"; (vii) evidence bag kontenenti droga - Dok. "G" (viii) evidence bag kontenenti *glass breaker* - Dok. "H"; u (ix) evidence bag kontenenti mizien digitali, *crusher* u mobile - Dok. "I";

Rat li l-imputat ammetta ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet minnu kkonfermata wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jirrikonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli nhar id-9 ta Gunju 2018 u fil-granet u/jew xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer: (A) kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta; (B) kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti 4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi

(G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob li minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, l-Qorti tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti esebiti u titlob ukoll sabiex f'kaz ta' htija l-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dana anke wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bl-iktar mod solenni bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li ghandu fedina penali netta.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunisdrat l-Artikolu 8(d) u l-Artikolu 22(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolamenti 4 u 6 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, tikkundannah ghall-perijodu ta' ghaxar (10) xhur prigunerija izda, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz u b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, il-Qorti tqis li hemm ragunijiet sufficjenti sabiex it-terminu ta' pringunerija hawn impost jigi sospiz u ghalhekk a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissospendi t-terminu ta' ghaxar (10) xhur prigunerija ghall-perijodu ta' erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza. Il-Qorti in oltre qed tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa ammontanti ghal erba' mija u sebghin Euro (€470) liema multa ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur mil-lum u fir-rigward ta' liema ma tapplikax is-sospensjoni a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti in fine tordna l-konfiska u konsegwenti distruzzjoni tad-Dokument "G", ossia evidence bag kontenenti droga, u tad-Dokument "I", ossia evidence bag kontenenti mizien digitali, crusher u mobile u tordna l-konfiska tad-Dokument "H", ossia evidence bag kontenenti *glass breaker*.

In kwantu rigwarda t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija l-imputat jigi ikkundannat ihallas ukoll l-ispejjez in konnessjoni mal-hatra ta' Esperti jew Periti a tenur ta' l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba peress illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat li in konnessjoni ma' dan il-kaz ma gewx nominati Esperti jew Periti.

**MAGISRTAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**